MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2005

Appell Civili Numru. 1286/2000/1

**Onor. Dr Gavin Gulia**

**v.**

**David Agius u l-Partit Nazzjonalista**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell f'kawza ta' libell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Settembru 2002. L-attur, fic-citazzjoni promotrici tieghu presentata fit-22 ta'

Gunju 2000, fisser kif hassu malafamat bi stqarrija ghall-istampa mahruga mill-Partit Nazzjonalista fil-11 ta’ Gunju 2000, u ffirmata mill-konvenut David Agius, li kienet intestata “Stqarrija ghad-diksors ta’ Dr. Alfred Sant dalghodu fil-Gzira”, u li kienet tghid *inter alia* hekk:

***“Minn ghandu jirrizenja.***

***“Dr Sant ghandu jara jekk hux Gavin Gulia li ghandu jirrizenja minn Kelliem Ewlieni ta’ l-Opposizzjoni.***

***“Waqt li kien Ministru, Gavin Gulia ta mahfra minn sentenza ta’ habs lil votant mid-Distrett tieghu. Dan il-votant kien instab hati li kkawza griehi gravi lil wahda mara li kienet ukoll fil-perikolu tal-mewt. Din il-mara ghadha tbati d-dizabilita` mill-istess incident…”***

Fic-citazzjoni l-attur kompla jippremetti u jitlob hekk:

**“Peress illi l-istanti ma ghamel xejn irregolari, u l-allegazzjoni u l-implikazzjoni fil-messagg ta’ l-Istqarrija huma malafamanti fil-konfront tieghu;**

**“Peress illi l-allegazzjoni li d-decizjoni ta’ l-istanti kienet motivata minn skopijiet klijentelari ghall-vot hija ghal kollox infondata u bla bazi u huwa mexa ghall-kollox skond il-proceduri stabbiliti u wara li ha l-pariri soliti tal-ufficjali koncernati;**

**“Peress illi ghalhekk bl-istqarrija msemmija il-konvenuti taw malafama lill-istanti billi attribwewlu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku;**

**“Peress illi barra l-gravita` ta’ l-ingurja fiha nnifisha jidher car li din saret intenzjonalment biex tiskredita lill-istanti f’ghajnejn il-pubbliku;**

**“Peress illi l-istanti bhala parti offiza ghandu dritt ghad-danni kontemplati fl-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta);**

**“Ighidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:**

**“1. tiddikjara illi l-istess konvenuti taw malafama lill-istanti bl-istampat fuq imsemmi bil-ghan illi jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu;**

**“2. tikkundanna lil kull wiehed mill-istess konvenuti ihallsu lill-istanti dik is-somma li din il-Qorti tiddetermina bhala danni u riparazzjoni tal-ingurja morali u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni imsemmija;**

**“Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li ghandhom jidhru ghas-subizzjoni.”**

Il-konvenuti ppresentaw in-nota tal-eccezzjonijiet taghhom wara li kien skada z-zmien stabbilit skond il-ligi u ghalhekk, fl-udjenza tal-20 ta’ Ottubru 2000, il-Prim Awla ordnat l-isfilz tal-imsemmija nota (u dikjarazzjoni guramentata), b’mod ghalhekk li l-konvenuti gew kontumaci. Dik il-Qorti, pero`, konformement ma’ dak li jipprovdi l-Artikolu 158(10) tal-Kap. 12, awtorizzat lill-konvenuti jippresentaw nota ta’ sottomissjonijiet bin-notifika tal-kontroparti.

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

Bis-sentenza aktar ‘l fuq imsemmija, il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-konvenuti, flimkien u solidament bejniethom, li jhallsu lill-attur is-somma ta’ elf lira (Lm1,000), bl-ispejjez tal-kawza u bl-imghaxijiet legali fuq is-somma ta’ danni likwidata b’effett mid-data ta’ dik is-sentenza sal-jum tal-hlas effettiv. Ghall-kompletezza, kopja tas-sentenza ta’ l-ewwel Qorti qed tigi annessa bhala appendici biex tifforma parti integrali mill-odjerna sentenza.

## Il-fatti

Il-fatti kif jirrizultaw mill-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti huma bazikament is-segwenti. Certu Joseph Zahra kien is-sewwieq ta' vettura li kienet involuta f'incident awtomobilistiku li fih wahda mara sofriet offizi ta' natura gravi (u evidentement ta' natura <u>involontarja</u>). Meta dan Zahra tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati in konnessjoni ma' dan l-incident spicca wehel sitt xhur prigunerija. Meta huwa appella quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali[1], din il-piena giet konfermata u dan minkejja li fil-kors tat-trattazzjoni quddiem dik il-Qorti tat-tieni istanza il-Prosekutur Pubbliku kien qabel li l-piena kienet pjuttost sproporzjonata ghac-cirkostanzi tal-kaz[2]. L-avukat ta' l-appellant Zahra – l-avukat (illum Imhallef) Dott. Joseph Galea Debono, u li kien deher ghal Zahra biss fl-appell, ghax quddiem il-Qorti tal-Magistrati Zahra kien patrocinat minn avukat iehor – mill-ewwel ippresenta petizzjoni lill-President ta' Malta. Huwa ghamel minn kollox biex il-Petizzjoni timxi kemm jista' jkun malajr – evidentement minhabba z-zmien qasir ta' prigunerija involuta – u meta darba ltaqa' kazwalment mal-appellat Dott. Gavin Gulia (li nel frattemp kien sar Ministru responsabbli mill-Gustizzja) huwa semma' lill-imsemmi Avukat Gulia din il-Petizzjoni li kien intavola,

**"…u hu stess [Gulia] qalli li ried joqghod fuq il-pariri li jaghtuh mid-dipartiment specjalment l-*Attorney General*, u qalli li kienu ghadhom qed jistennew minhabba l-*policy* li kien hemm dak iz-zmien li jigu r-risposti mill-oqsma koncernati. Minghalija kienu xi erba' jew sitta li kollha riedu jirapportaw favorevolment fosthom il-habs u xi haga tad-drogi, u fl-ahhar bdejt naqta' qalbi ghax beda ghaddej iz-zmien. Wara sitt gimghat jew sebgha, meta kwazi ghalqu xahrejn, sirt naf li fl-ahhar harget l-approvazzjoni u minn sitt xhur naqsuhomlu ghal**

---

[1] Allura sedenti l-Imhallef P. Vella.

[2] In fatti l-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said, li kien il-Prosekutur f'dik il-kawza, xehed hekk (fol. 35): *"Pero` huwa minnu u nista nikkonferma li f'dan il-kaz deherli jiena tenut kont tac-cirkostanzi kif kienu jirrizultaw mill-process illi forsi…wiehed jista' jikkoncedi illi l-piena kienet pjuttost sproporzjonata…".*

**xaharejn, u minghalija kien fadallu xi granet biex jaghmilhom dawn ix-xaharejn, u min ghamilha kkalkola bl-ezatt li dak li ghamel ikollu jaghmlu u allura gabhielu li minflok jaghmel sitt xhur jaghmel xaharejn, u minflok hareg ftit granet wara. *In my view it came a bit too late* tmur xaharejn habs ghax hbat bil-karozza.”** [3]

Ma jirrizultax li fl-inkontru li l-Avukat Galea Debono kellu mal-Avukat Gulia issemma’ fejn joqghod jew mil-liema distrett elettorali kien Zahra, ghalkemm bhala fatt jirrizulta li Zahra kien minn lokalita` li tigi f’distrett elettorali li l-Avukat Gulia kien jikkontesta. Mid-deposizzjoni tal-imsemmi Avukat Gulia, jirrizulta li huwa mexa mal-*policy* stabbilita fil-kaz ta’ dan it-tip ta’ Petizzjoni, li meta gie biex jaghti l-parir lill-President ta’ Malta huwa qaghad fuq il-pariri tal-ufficjali governattivi li skond il-policy kellhom jaghtu l-pariri taghhom, u li hu lil Zahra ma kienx jafu u qatt ma tkellem mal-familjari tieghu:

**“Lill-persuna ma kontx nafha, lill-familja taghha ma kontx nafha u jien ma kellimt lill-hadd barra l-process tal-mahfra presidenzjali rigward il-mahfra in kwistjoni. Jigifieri nichad kategorikament li jien gejt influwenzat minn xi konsiderazzjonijiet tad-distrett.”** [4]

## L-appell tal-konvenuti

L-appellanti ghandhom, bazikament, zewg aggravji. Fil-meritu huma jikkontendu li dak li intqal fl-istqarrija tal-11 ta’ Gunju 2000 kien semplici kumment (jew opinjoni) dwar fatti li kienu sostanzjalment veri, u bhala tali (u skond il-gurisprudenza kemm lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem) dak il-kumment (jew opinjoni) ma seta’ qatt ikun libelluz. Skond l-appellanti “imputazzjoni [libelluza] jista’ jkun biss ta’ fatt ghax imputazzjoni ta’ opinjoni huwa kontradizzjoni in termine”. It-tieni aggravju hu fis-sens li t-talbiet attrici ma setghux jirnexxu fil-konfront tal-konvenut Partit Nazzjonalista ghax

[3] Deposizzjoni ta’ l-Avukat Dott. J. Galea Debono, fol. 16.
[4] Fol. 22.

dan il-konvenut ma jiffigurax fost il-persuni li kontra taghhom tista' tittiehed azzjoni skond il-paragrafi (a), (b) u (c) tal-Artikolu 23[5] tal-Kap. 248.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Dwar l-ewwel aggravju, din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` f'diversi okkazjonijiet – ara, fosthom, is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, tas-17 ta' Gunju 2005 fl-ismijiet ***L-Onor. Avukat Dott. Louis Galea v. L-Onor. Prim Ministru Dottor Alfred Sant*** – li tosserva li huwa minnu li wiehed ghandu kull dritt li jikkummenta, anke b'mod qawwi, dwar fatti, basta li dawk il-fatti jkunu sostanzjalment veri ossia korretti. Huwa veru wkoll li, fil-kuntest tal-politika kif ukoll fil-kuntest ta' materji li jkunu *"of serious public concern"* il-margini u l-latitudni moghtija ghall-kritika hija wahda ferm wiesgha. Kif inghad mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz ***Lingens v. Austria*** [6] u kif ormaj accettat fil-gurisprudenza taghna:

**"The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt Article 10(2) enables the reputation of others – that is to say of all individuals – to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity; but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues…In the Court's view, a careful distinction needs to be made between facts and value-judgments. The**

---

[5] Art. 23: *"L-azzjoni kriminali ghal xi reat taht it-Taqsima II u l-azzjoni civili taht it-Taqsima III ta' dan l-Att tista' tittiehed kontra kull wahda minn dawn il-persuni li gejjin: (a) l-awtur tal-kitba, jekk huwa jkun kitibha sabiex tigi ppublikata jew jekk ikun ta l-kunsens tieghu ghal hekk; (b) l-editur; jew, jekk dawk il-persuni ma jkunux jistghu jigu identifikati, (c) ir-responsabbli ghall-pubblikazzjoni."*

[6] A.103 (1986) 8 EHRR 407.

**existance of facts can be demonstrated, whereas the truth of value-judgments is not susceptible of proof."** (paras. 42-43).

U kif intqal fil-kawza ***Gorton v. Australian Broadcasting Commission***[7]

**"It is one thing to comment upon, or criticise, even with severity, the acknowledged or proved acts of a public man, and quite another to assert that he has been guilty of particular acts of misconduct."**

Mill-banda l-ohra, huwa wkoll recepit fil-gurisprudenza taghna li l-malafama tista' tinghata mhux biss b'mod dirett u esplicitu, izda anke b'mod indirett jew implicitu – permezz ta' insinwazzjoni jew *innuendo*:

**"What the ordinary man would infer without special knowledge has generally been called the natural and ordinary meaning of words. But that expression is rather misleading in that it conceals the fact that there are two elements in it. Sometimes it is not necessary to go beyond the words themselves, as where the plaintiff has been called a thief and a murderer. But more often the sting is not so much in the words themselves as in what the ordinary man will infer from them, and that is also regarded as part of their natural and ordinary meaning…The ordinary and natural meaning of words may be either the literal meaning or it may be implied or inferred or an indirect meaning; any meaning that does not require the support of extrinsic facts passing beyond general knowledge but is a meaning which is capable of being detected in the language used can be part of the ordinary and natural meaning…The ordinary and natural meaning may therefore include any implication or inference which a reasonable reader guided not by any special but only by general knowledge, and not fettered by any strict**

---

[7] (1973) 22 F.L.R. at p. 190.

**legal rules of constrcution would draw from the words."** [8]

Issa, fil-kaz in dizamina, apparti li din il-Qorti ma taqbilx ma' l-ewwel Qorti meta din donnha qed tghid li l-fatti msemmija fl-istqarrija huma "sostanzjalment" veri ossia korretti[9] -- u dan ghax hemm differenza sostanzjali bejn li wiehed jikkaguna offiza, anke jekk ta' natura gravi li thalli debilita` permanenti, b'mod involontarju bhalma jigri f'incident awtomobilistiku, u li wiehed jikkaguna tali offiza b'mod volontarju, distinzjoni li ma hemmx ghalfejn tkun avukat biex tifhem l-implikazzjonijiet taghha, u distinzjoni jew kjarifika li l-konvenuti volutament ghazlu li ma jaghmlux fl-istqarrija taghhom – anke fatti sostanzjalment veri jistghu jigu mqieghda b'tali mod li "the natural and ordinary meaning of [the] words" ikun effettivament affermazzjoni ta' fatt malafamanti. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, il-kliem inkriminat, bl-enfazi fuq il-fatt (li jinghata rizalt konsiderevoli) li l-mahfra nghatat lil votant mid-distrett ta' Dott. Gulia u meta l-istess Dott. Gulia kien Ministru, ma hi xejn hlief insinwazzjoni u *pro tanto* affermazzjoni cara li huwa, cioe` Dott. Gulia, abbuza mill-posizzjoni tieghu biex jiffavorixxi persuna ghall-finijiet personali (ta' klientelizmu politiku):

**"…raguni wahda setghet kienet il-hsieb wara dik il-kitba: li jwassal messagg fil-qarrej jew is-semmiegh li l-attur ma kienx agixxa b'mod korrett u li uza l-posizzjoni gholja tieghu biex iffavorixxa persuna ghal finijiet personali. Dan huwa kaz car ta' dak li huwa maghruf bhala *"innuendo"* jew ukoll insinwazzjoni. L-insinwazzjoni hija dik l-ghamla ta' stqarrija li tolqot bis-sahha ta' dak li ma tghidx u li timplika, aktarx ta' xehta negattiva, u mhux bis-sahha ta' dak li tghid. Ghaliex l-*innuendo* huwa ghamla ta' stqarrija ingurjuza li ssir bi kliem li fih innifsu m'huwiex**

[8] **Gatley on Libel and Slander** Sweet & Maxwell (London) 1981 (8th. ed.), para. 97, pagni 51-52.

[9] *"Jekk wiehed ihares lejn il-fatti msemmija fl-istqarrija mahruga mill-imharrkin, dan ghandu jsib li dawn il-fatti, mehudin wiehed wiehed, huma sotanzjalment minnhom."* – ara pagna 10 tas-sentenza appellata.

**ingurjuz. Il-qofol tal-insinwazzjoni huwa l-ironija…[H]uwa mbaghad accettat li l-insinwazzjonijiet bla ma huma msejsa minn fatti, maghmulin ghal kwalunkwe raguni (ukoll dik politika), fis-sens li xihadd ikkorrompa jew li gie korrott, ma jistghu qatt jigu accettati la fil-kuntest ta' fatti li jqajmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm implikati persuni pubblici."** (fol. 10-11 tas-sentenza appellata).

Ghalhekk, l-ewwel aggravju ta' l-appellanti qed jigi respint.

Kwantu ghat-tieni aggravju, dan jirrazenta l-fieragh. Il-prova dokumentarja turi – u dan ma giex kontradett mill-konvenuti – li l-istqarrija kienet tal-konvenut Partit Nazzjonalista daqs kemm kienet ta' min iffirmaha, b'mod ghalhekk li <u>z-zewg konvenuti</u> huma "l-awturi tal-kitba" ghall-finijiet tal-paragrafu (a) tal-Artikolu 23 tal-Kap. 248, u l-azzjoni, ghall-anqas dik civili, tista' titmexxa kontra t-tnejn. Meta s-Segretarju Informazzjoni ta' partit politiku (jew ufficjal iehor li jista' ragjonevolment jitqies li jkun qed jitkellem a nom ta' dak il-partit u mhux ghalih personali) johrog stqarrija taht il-firma tieghu u f'dik il-kwalita` tieghu u, per di piu`, fuq *letterhead* tal-istess partit, l-awtur ta' dik l-istqarrija ikun kemm il-firmatarju kif ukoll dak il-partit sakemm ma jigix pruvat mod iehor. Ghalhekk dana t-tieni aggravju qed jigi wkoll respint.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellanti solidament bejniethom.

Deputat Registratur

gr

**<u>APPENDICI</u>**

**Kopja tad-decizjoni appellata moghtija fis-27 ta' Settembru 2002**
**qed tigi hawn annessa biex tifforma parti integrali mill-odjerna sentenza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------